

Appell ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2019 minn Klaus Nonnemacher mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fl-20 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża T-390/18 – Klaus Nonnemacher vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

(Kawża C-660/19)

(2020/C 10/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Klaus Nonnemacher (rappreżentant: C. Rohnke, Rechtsanwalt)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, Paul Ingram

B'digriet tad-19 ta' Novembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ħadhet l-appell u kkundannat lill-appellant għall-ispejjeż tiegħu stess.

Appell ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2019 minn Retail Royalty Co. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla.) fit-12 ta' Lulju 2019 fil-Kawża T-54/18, Fashion Energy vs EUIPO – Retail Royalty

(Kawża C-678/19 P)

(2020/C 10/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Retail Royalty Co. (rappreżentanti: M. Dick, Solicitor, u J. Bogatz, Rechtsanwältin)

Partijiet oħra fil-proċedura: Fashion Energy Srl, l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-20 ta' Novembru 2019 il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma huwiex ammess u li Retail Royalty Co. għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción de Ceuta (Spanja) fl-4 ta' Ottubru 2019 – LL, MK vs Banco Bilbao Vizcaya Argentaria SA

(Kawża C-732/19)

(2020/C 10/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de Primera Instancia e Instrucción de Ceuta

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: LL, MK

Konvenuta: Banco Bilbao Vizcaya Argentaria SA

Domandi preliminari

- 1) Sabiex tkun iggarantita l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti u l-osservanza tal-ġurisprudenza tal-Unjoni li timplimentaha, huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni, mad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ⁽¹⁾ u, b'mod iktar partikolari, mal-Artikolu 6(1) u mal-Artikolu 7(1) ta' din tal-aħħar li t-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) stabbilixxiet bħala kriterju mhux ekwivoku, fis-sentenzi tagħha Nri 44 sa 49 tat-23 ta' Jannar 2019, in-natura inġusta, fil-kuntratti ta' self li jinkludu garanzija ipotekarja konklużi ma' konsumaturi, ta' klawżola mhux innegozzjata li ttipprevedi li l-ispejjeż relatati mal-ħolqien tat-tranżazzjoni ta' self ipotekarju għandhom jitħallsu minn min jissellef u qassmet ir-responsabbiltà għad-diversi spejjeż li jinsabu f'din il-klawżola inġusta li n-nullità tagħha għet ikkonstatata bejn l-istabbiliment bankarju li daħħal il-klawżola u l-konsumatur li jissellef, sabiex tiġi llimitata r-restituzzjoni tal-ammonti mħallsa indebitament b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazżjonali?

Sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti u l-osservanza tal-ġurisprudenza tal-Unjoni li timplimentaha, huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni, mad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 u, b'mod iktar partikolari, mal-Artikolu 6(1) u mal-Artikolu 7(1) ta' din tal-aħħar il-fatt li t-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) tagħmel interpretazzjoni inklużiva ta' klawżola nulla minħabba n-natura inġusta tagħha, meta t-tħassir ta' din il-klawżola u l-effetti ta' dan it-tħassir ma jipprekludux iż-żamma fis-seħħ tal-kuntratt ta' self b'garanzija bankarja?

- 2) Bl-istess mod, għandu jiġi kkunsidrat, fid-dawl tal-Artikolu 394 tal-[Ley de Enjuiciamiento Civil], li jistabbilixxi l-kriterju tal-kundanna oġġettiva għall-ispejjeż, li, fl-ipoteżi fejn klawżola inġusta fil-qasam tal-ispejjeż tiġi annullata iżda l-effetti ta' dan l-annullament huma llimitati għat-tqassim tal-ispejjeż imsemmija iktar 'il fuq, jinkisru l-prinċipji tan-natura mhux vinkolanti [tal-klawżoli inġusti fil-konfront tal-konsumatur] u tal-effettività tad-dritt tal-Unjoni Ewropea jekk jintlaqgħu parzjalment it-talbiet tal-partijiet, u dan jista' jiġi interpretat bħala li għandu effett dissważiv oppost li jwassal għall-assenza ta' protezzjoni tal-interessi leġittimi tal-konsumaturi u tal-utenti?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2019 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-767/19)

(2020/C 10/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet, Y. G. Marinova, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju